**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 167/2017**

**Illum: 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Dominic Borg**
**(ID 491390(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Dominic Borg ta' 27 sena, iben Carmel u Catherine nee` Attard, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta' Ottubru 1990 u residenti gewwa 40, Attard, Flat 2, Triq Cejlu Tonna, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 491390(M);

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Ottubru 2017 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Saq vettura tal-ghamla *Mitsubishi Pajero* bin-numru tar-registrazzjoni GBD 147 minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni ghal riskju ta' terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli saq vettura tal-ghamla *Mitsubishi Pajero* bin-numru tar-registrazzjoni GBD 147 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-awtorita` kompetenti, 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar il-25 ta' Jannar 2012 (Mag. A. Vella LL.D.), nhar il-5 ta' Frar 2014 (Mag. A. Vella LL.D.), nhar is-26 ta' Marzu 2014 (Mag. Dr. A. Vella LL.D.), u nhar it-2 ta' April 2014 (Mag. A. Vella LL.D.), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018, l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll illi huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Hadet in konsiderazzjoni in oltre il-fedina penali tieghu fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar hsara involontarja u f'diversi kundanni dwar reati konnessi mal-kacca. Dwar dawn huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata u pieni pekunjarji.

Tqis ukoll illi l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat kien wiehed minimu. Mill-istqarrija rilaxxjata minnu jirrizulta illi huwa juza "*naqriet*" kokaina fil-*weekend* u li huwa beda jaghmel uzu mill-kokaina matul is-sena ta' qabel, kif ukoll illi kien ilu jpejjep il-pjanta tal-*cannabis* ghal madwar xahar.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, l-Artikoli 3(1), (2)(a) u (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien erbatax-il xahar mil-lum, fil-waqt illi fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet qed tikkundannah ghall-piena ta' multa kumplessiva ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dokumenti FT2 u FT3 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat